**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2016

Talba Numru: 379/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 29

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**

**Vs**

**Salvina Buttigieg (252669M)**
**Blokk 4, Flat 2,**
**Triq tal-Fieres,**
**Hal Kirkop**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2016 illi permezz tiegħu is-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' disa' mija u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€990.54c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40094023.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deheret għas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz ta' l-affidavit ta' Melanie Pace in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' disa' mija u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€990.54c) bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mid-data tad-29 ta' Ottubru, 2015, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali relatata mal-ammont mitlub f'din il-kawza huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**